# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 191/15 CSH**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali Numru 779/13 prezentata a tenur tal-Artikolu 166A fl-ismijiet:**

**V.G. Tiles Limited (C6957)**

**Vs**

**Simone Bugeja**

**Illum 20 ta' Jannar 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Simone Bugeja fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet:

"*Illi f'Settembru li ghadda, l-esponenti saret taf tramite l-Bank of Valletta plc illi kien inhareg sekwestru ezekuttiv kontriha;*

*Illi wara indagni li ghamlet, saret taf ukoll illi, fl-4 ta' April, 2013, kienet giet ipprezentata ittra ufficjali da parti tar-rikorrenti V.G. Tiles Co. Limited ghat-tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'A';*

*Illi hija qatt ma giet notifikata b'din l-ittra ufficjali u lanqas qatt ma rrifjutat illi tigi notifikata bl-istess ittra*;

*Illi ntqal fir-riferta tal-ittra ufficjali illi n-notifika tal-ittra ufficjali lill-esponenti kienet giet 'refused', u konsegwentement, saret procedura da parti tal-kumpanija mittenti fejn talbet illi tali rifjut jitqies bhala notifika ghat-tenur tal-Artiklu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba intlaqghet soggett ghall-konferma da parti tal-purtier bil-gurament tieghu*;

*Illi skond l-affidavit tal-purtier Saviour Falzon sabiex jispjega r-riferta tieghu tal-20 t'Awissu, 2013 fejn hemm miktub illi n-notifika kienet giet 'refused', huwa jghid illi qaghad esklussivament fuq dak illi nizzel il-pustier billi ma kienx mar personalment sabiex jezegwixxi tali notifika, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument* 'B';

*Illi rrizulta illi kien sar tentattiv ta' notifika fil-post tax-xoghol tal-esponenti u cioe' fl-ufficini ta' Hamilton Travel, gewwa l-Furjana u l-pustier kien ittenta jinnotifika lill-kollega taghha, kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dokument 'C' izda din tal-ahhar ma kenitx accettat in-notifika peress illi l-esponenti ma kenitx xoghol dakinhar;*

*Illi konsegwentement, tali ittra ufficjali ma setghet qatt tigi registrata bhala titolu ezekuttiv u konsegwentement, l-istess titolu ezekuttiv ghandu jigi dikjarat null u rexxiss skond il-ligi ghat-tenur tal-Artiklu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi jsegwi wkoll illi qatt ma seta' jinhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti in konnessjoni ma' din il-kwistjoni, izda, minkejja dan, inhareg il-mandat bin-numru 1146/14 kontra l-esponenti li, pero' qatt ma giet notifikata bih peress illi lanqas ma thallset notifika lilha;*

*Illi sussegwentement, gew istitwiti proceduri ghat-tenur tal-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet premessi, li ghalihom, is-socjeta' V.G. Tiles Co. Limited lanqas ma pprezentat risposta;*

*Illi tali proceduri kellhom ezitu negattiv fis-sens illi, permezz ta' sentenza datata 1 ta' Gunju, 2015, dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-esponenti fuq teknikalita' peress illi qieset illi, sakemm l-esponenti ma kenitx notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li tieghu lanqas ma thallset notifika ghaliha, ma setghet qatt tipproponi dawn il-proceduri, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'D'.*

*Illi konsegwentement, l-esponenti tat ruhha b'notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgib in-numru 1146/14, u qed terga' tirriproponi t-talba sabiex dan it-titolu ezekuttiv jigi dikjarat null u bla effett skond il-ligi ghat-tenur tal-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi oltre dan u bil-prezenti u ghal kull bwon fini, is-socjeta' V.G. Tiles Co. Limited qed tigi interpellata b'dan l-att sabiex tirrifondi d-depozitu ta' hames mitt Ewro (€500) li kien sar favur taghha da parti tal-esponenti u sabiex tnehhi parti mill-irham li kien kkonsenjat lill-esponenti billi jirrizulta illi l-konsenja ma saritx fl-intier taghha u, fin-nuqqas, sejrin jittiehdu proceduri ulterjuri kontriha skond il-ligi u l-istess parti mill-irham sejra tigi ddepozitata taht l-awtorita' tal-Qorti;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment titlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti, wara li tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh, tiddikjara illi dan it-titolu ezekuttiv null u bla effett skond il-ligi u konsegwentement, tordna r-rexxissjoni tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-esponenti kontra s-socjeta' V.G. Tiles Co. Ltd., inkluza azzjoni ghad-danni minhabba xoghol difettuz u inkomplet da parti taghha."

Illi din il-Qorti b'digriet taghha tal-25 ta' Gunju 2015 ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontro parti u akkordatlu zmien erbat ijiem ghar-risposta filwaqt li appuntatu ghas-smiegh ghal-nhar it-8 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta tas-socjeta' V.G. Tiles Co. Limited (C6957) ipprezentata fis-6 ta' Lulju, 2015, fejn l-istess socjeta' esponiet:

1. *"Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa fuori terminu a tenur tal-Artikolu 166A subinciz (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi gie pprezentat ferm wara l-ghoxrin (20) gurnata statutorji rikjesti fl-imsemmi Artikolu mid-data li fihea r-rikorrenti debitrici tat ruhha b'notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru Numru 1146/14, u ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha;*

2. *Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, in-notifika tal-ittra ufficjali 779/13 saret saret precizament kif titlob il-ligi senjatament l-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12, kif del resto gja gie kkonfermat u ghalhekk res judicata minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-istharrig li ghamlet fuq talba tal-esponenti fir-rikors (Dok. X1);*

3. *Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qed tibbaza l-argumenti taghha li jistghu jigu deskritti biss bhala nefast, fuq estremi li jirriskjaw li jirredikolaw l-istitut tal-Mandat ta' Sekwestru u sahansitra qeghda tmur forum shopping bi pluralita' ta' rikorsi kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tar-rikors odjern*;

4. *Illi finalment issir riferenza senjatament ghat-tnax (12)-il paragrafu (mhux numerati) tar-rikors odjern u r-rikorrenti toggezzjona ghat-talba hemmhekk maghmula stante illi r-rikors odjern huwa wiehed maghmul taht l-Artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghandhom jinfethu proceduri ad hoc u intaxxati specifikament sabiex issir sejha ghall-hlas;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez.*"

Illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2015 ( fol. 12) l-intimat u l-avukat difensur tieghu ma dehrux u dan ghaliex Dr Jean Karl Farrugia kien jinsab indispost, skond informazzjoni moghtija l-Qorti, u ghalhekk il-kawza giet differita ghal nharl-14 ta Ottubru 2015.

Illi fl-14 ta' Ottubru 2015 dehru r-rikorrenti assistita minn Dr. Tanya Sciberras Camilleri u l-avukat difensur tas-socjeta' intimate. Dakinhar il-Qorti tat il-fakolta' lil Dr. Jean Karl Farrugia sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjoni in sostemn ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu bil-visto tal- kontro-parti u ddifferiet ir-rikors ghal dan il-ghan ghad-9 ta' Dicembru 2015.

Illi fid-9 ta' Dicembru 2015 l-intimat u l-avukat difensur tieghu ma dehrux u r-rikorrenti kif assistita minn Dr Tanya Sciberras Camilleri insistiet li din il Qorti ghanda tiddiferixxi r-rikors ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni bil-fakolta' li Dr. Tanya Sciberras Camilleri tipprezenta nota sal-ahhar ta' Dicembru 2015.

Illi jinghad li f'dan ir-rikors ma giet prezentata l-ebda nota mill-ebda parti u ghalhekk din il-Qorti sejra taghti sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni a bazi tal-provi dokumentarji li hemm fil-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi din is-sentenza ser tinghata biss u limitatament dwar il-fatt jekk ir-rikors odjern giex prezentat *fuori termine* a tenur tal-Artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li gie prezenat wara l-ghoxrin jum statutorju rikjest fl-imsemmi artikolu appena citat u ghalhekk fil-fehma ta' l-intimat dan ir-rikors ghandu jigi michud in linea preliminari

Illi mill-atti jirrizulta li l-intimat kien ipprezenta ittra ufficcjali fir-registru ta din l-istess Qorti nhar l-4 ta' April 2013 (Dok A) u minn ezami tal-varji riferit annessi mal-kopja tal-ittra ufficcjali jirrizulta li kien hemm diversi tentattivi sabiex din l-ittra ufficcjali tigi notifikata lir-rikorrenti. Zgur li jirrizulta skond ir-riferti negattivi a fol 3 li fit-30 ta' April 2013 l-ittra ma gietx notifikata lir-rikorrenti stante il-kelma *'unclaimed'* fuq ir-riferta, waqt li fl-10 ta Mejju, fis-17 ta'Mejju u fl-4 ta Gunju 2013 hemm imnizzel *'ma fetah hadd'*.

Illi hemm timbru iehor a fol 3 datat 20 ta' Awwissu 2013 fejn il-Purtier Saviour Falzon kiteb il-kelma *'refused'*. Jidher li dan it-tentattiv sar fl-ufficcju Hamilton Travel u dan ghaliex hemm imnizzel *'new address'* hdejn it-timbru u fuq l-ittra ufficjali in-*'new address'* huwa appuntu Hamilton Travel. Jidher pero' mill-fotokopja esebita u mmarkata bhala Dok B a fol. 4 skond l-affidavit tal-Purtier Saviour Falzon, li dan kien kiteb *'refused'* peresss li l-pustier kien kiteb hekk (vide dok anness ma' Dok B) u ghalhekk mhux ghaliex kien jaf *di scienza* proprja li effettivament din l-ittra kienet giet *'refused'* .

Illi jidher li din l-ittra ufficjali giet reza esekuttiva u abbazi taghha allegatament inhareg Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1146/14 fil-konfront tar-rikorrenti, pero' skond ir-rikorrenti lanqas dan il-Mandat ma gie notifikat lilha u saret taf bih biss tramtie il-Bank.

L-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

"(5) *Titolu ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta'dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozzizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi* **zmien ghoxrin** *gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i)* *li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficcjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*(ii)* *(ii) li l-ittra ufficcjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

Din il-Qorti ssostni li n-notifika ta' att gudizzjarju ghandu jigi meqjus validu meta jezistu c-cirkostanzi kif kontemplati fl-**Artikolu 187(1) tal-Kap 12** u cioe' li n-notifika issir*:*

· *"lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna, jew f'idejn il-prokuratur taghha, jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha".*

Dan l-artikolu u cioe' l-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12** gie abbraccjat u osservat mill-Qorti tal-Appelli Inferjuri fis-sentenza '**Angelo Bartolo noe vs Emmanuel Zammit**' deciza fit-30 ta' Marzu 2001 fejn gie ritenut li:

*"in-notifika ta' att issir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li liha l-iskrittura tkun notifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur legali taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha". Pero' din il-Qorti trid tara jekk il-fatt li bniedem isir jaf bl-att gudizzjajru ghaliex dan jammetti li nghata kopja (ghad-differenza li jigi notifikat) u ghogbu li jinjorha jammontax ghall-kliem il-ligi u cioe' li huwa kien kemm mgharraf bl-ittra kif ukoll notifikat kif imiss.*

Din il-Qorti tissottolineja li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata ad litteram - **Vol XVII p1 p 879**:

*"Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "osservata alla lettera e non per equipollens".*

Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*. (ara Qorti tal-Appell 14 ta' Gunju, 2001, **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet '**Said International Limited vs MAC Limited et'** inghad li:

*"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."*

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa car li l-azzjoni li d-debitur jista' jiehu biex jitlob in-nullità ta' titolu ezekuttiv ottenut kontra tieghu bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi istitwita fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' mandat ezekuttiv jew xi att giudizzjarju iehor ibbazat fuq dak it-titolu.

Illi jirrizulta minn ezami tar-rikors promotur li effettivament ir-rikorrenti tat ruha notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru numru 1146/14 u dan kif jirrizulta mill-atti tal-mandat minn fejn jirrizulta li nhar l-24 ta' Gunju 2015 ir-rikorrenti ipprezentat nota fl-atti ta' dak l-istess Mandat fejn tat ruhha b'notifikata bl-atti ta' dak il-Mandat ta' Sekwestru.

Illi ghalhekk jirrizulta li effettivament l-ittra ufficcjali baqghet QATT ma giet notifikata lir-rikorrenti filwaqt li kienet l-istess rikorrenti li tat ruhha notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru numru 1146/14.

Ikonsegwi ghalhekk in vista tal-premess, stante li ir-rikorrenti QATT ma giet notifikata bl-ittra ufficcjali numru 799/13 izda tat ruha b'notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru 1146/14 hija stess nhar l-24 ta' Gunju, 2015, li l-Qori ghandha tara jekk ir-rikors odjern giex prezentat fit-terminu ta' ghoxrin jum mid-data tan-notifikat tal-Madnat appena imsemmi

In-notifika taghha saret nhar l-24 ta' Gunju, 2015 waqt li dan ir-rikors promotur gie prezentat fl-istess jum u cioe' nhar l-24 ta Gunju 2015 u ghalhekk fit-terminu ta ghoxrin jumstabbilit mill-ligi.

Konsegwentement il-procedura uzata mir-rikorrenti hija korretta u fit-termini tal-Ligi.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tar-rikors.**

**L-ispejjez huma riservati ghall-gudizzju finali.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**